MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2013

Rikors Numru. 55/2013

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

**Preambolu;**

Rat ir-rikors tal-attur tal-1 ta' Frar 2013 li permezz tieghu talab li l-Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet.

Rat ir-risposta tal-konvenuta tal-4 ta April 2013 li permezz taghha opponiet ghat-talbiet attrici ghaliex sostniet illi l-attur ilu aktar minn sentejn ma jivversa manteniment ghal bintu li ghadha studenta *full-time* kif ukoll ma kienx qed ihallas iz-zieda skont l-indici tal-gholi tal-hajja fuq il-manteniment dovut lill-konvenuta.

Rat illi fl-udjenza tat-8 ta' Mejju 2013 l-Avukati tal-partijiet informaw lill-Qorti illi kienu saru tahdidiet bejn il-partijiet li waslu ghal transazzjoni tant li fl-istess udjenza l-Avukat tal-konvenuta irtira l-eccezzjonijiet kollha sollevati fir-risposta.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

**Provi**.

Mill-provi migbura jirrizulta:

Illi l-partijiet izzewgu fis-7 ta' Settembru 1982, u minn dan iz-zwieg kellhom tliet itfal illum maggorenni;

Illi l-partijiet kienu sseparaw in forza ta' kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor Gertrude Magro fil-11 ta' Gunju 2002;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi llum ma hemm ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment stante li fil-mori tal-kawza l-partijiet ittransigew il-pendenzi kollha ta' bejniethom.

**Decide**.

Ikkunsidrat;

Illi l-provi imressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ksib tad-divorzju;

Ghal dawn il-motivi,

1) Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta' bejn il-partijiet; u

2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-

partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------